MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2009

Numru. 736/2002

**Il-Pulizija**
**Spettur Simon Galea**
**Spettur Dennis Theuma**

**vs**

**Emanuel Grech**
**Kieth Grech**
**Adrian Grech**
**Andrew Grech**

Il-Qorti;

Rat li l-imputati Emanuel Grech, iben Joseph u Francis nee Briffa (it-tnejn mejtin) imwieled B'Kara fit-22 ta' Settembru 1949 u residenti 'Graceland' Triq il-Parilja Santa Venera u bin-numru tal-identita 800749(M) u l-imputat Kieth Grech ta' 22 sena, iben Emanuel u Imelda

nee' Vella, imwieled Attard fit-22 ta' Lulju 1979 residenti 'Graceland' Triq il-Parilja Santa Venera u bin-numru tal-identita 397179(M) u l-imputat Adrian Grech ta' 22 sena, iben Emanuel u Imelda nee' Vella imwieled Pieta fit-22 ta' Lulju 1979, residenti 211 'Graceland' Triq il-Parilja Santa Venera u bin-numru tal-identita 397079(M) u l-imputat Andrew Grech ta' 20 sena, iben Emanuel u Imelda nee Vella imwieled Pieta fit-8 ta' Settembru 1981, residenti 211, 'Graceland' Triq il-Parilja Santa Venera u bin-numru tal-identita 553281(M) gew mressqa quddiemha akkuzati talli:

Fis-6 ta' Dicembru 2001 fi Triq Salvu Psaila, B'Kara b'mezzi xort' ohra minn dawk specifikament imsemmijin fil-kodici kriminali, volontarjament hassru jew ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor mobbli jew immoblli specifikatament karozza tat-tip Alfa Romeo Sprint bin-numru tar-registrazzjoni BBE 635 proprjeta ta' Patrick Galea ID 290461M, liema hsara tammonta ghal izjed minn hamsin lira (LM50) izda inqas minn hames mitt lira Maltin (LM500) bi ksur tal-Artikoli 325(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi minghajr il-hsieb li joqtlu jew li iqeghdu il-hajja ta' haddiehor f'periklu car hebbew ghal ahwa Patrick, Werner Stephen u Simon Galea u ikkagunawlhom feriti ta' natura hafifa bi ksur tal-Artikolu 221 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tapplika l-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta tal-ahwa Galea.

Semghat il-provi;

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 5 ta' Settembru 2002 (esebit a fol. 14 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-11 ta' Dicembru 2002 iddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputati kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar tad-29 ta' Ottubru 2009 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghhom.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9, u cioe' wara li l-imputati wiegbu li huma hatja, din il-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghhom u tathom zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni taghhom.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputati, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputati hatja ta' l-akkuzi migjuba kontra taghhom.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-parti civili rrinunzjaw ghall-azzjoni kriminali fil-konfronti tal-imputati u l-fatt li l-partijiet irrangaw il-pendenzi ta' bejniethom.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 325 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li qed issib lill-imputati hatja tal-ewwel(1) akkuza migjuba fil-konfronti taghhom u b' applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jikkommettux reat iehor sa zmien sena millum.

Stante r-rinunzja da parti tal-parte civile, il-Qorti tiddikjara l-procediment ezawrit in kwantu jirrigwarda it-tieni(2) akkuza migjuba fil-konfronti tal-imputati u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess akkuza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------